MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1147/1991/1

***Id-Direttur tal-Industrija***
***vs***
***Louis Olivieri***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, wara li **ppremetta**: illi l-konvenut nomine [recte: konvenut]huwa debitur lejn l-attur fis-somma ta' seba' mija u seba'' u erbghin lira, erbgha u disghin centezmu u hames millezmi (Lm747.94,5) rappresentanti penali *pro rata* mill-perijodu mill-ewwel ta' Gunju elf disa' mija u disghin [1 ta' Gunju 1990] sat-tmienja u ghoxrin ta' Frar elf disa' mija wiehed u disghin [28 ta' Frar 1991] talli inti nqast li tahdem mal-Gvern f' dan il-perijodu kif inti kont obbligajt ruhek li taghmel permezz ta' ftehim tat-28 ta' Gunju 1983; illi l-konvenuti nomine [recte: konvenut] gew interpellati [recte: gie interpellat] sabiex ihallas l-ammonti [recte: ammont] mitluba pero' dan baqa' inadempjenti; illi din is-somma

hija certa, likwida u dovuta u fil-fehma tal-attur il-konvenut m’ ghandhux eccezzjonijiet x’ jaghti ghat-talba attrici u l-attur qed jippresenta affidavit skond il-ligi[Dok.A]; **talab** li l-konvenut nomine [recte: konvenut] ghaliex din l-Qorti m’ ghandhiex bid-dispensa mis-smigh skond l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur s-somma ta’ seba’ mija u seba’’ u erbghin lira, erbgha u disghin centezmu u hames millezmi (Lm747.94,5) dovuti bhala penali skond il-ftehim tat-28 ta’ Gunju 1983; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine [recte: konvenut] li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur, aness ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-18 ta’ Novembru 1991 fejn gie ordnat li l-kawza tinstema fil-kors normali taghha u l-konvenut gie awtorizzat sabiex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1.Illi qabel xejn ghandha ssir korrezzjoni fic-citazzjoni, stante li l-konvenut jismu Louis u mhux Aloysius;

2. Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mall-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut hadem mal-Gvern ta’ Malta ghal perijodu ta’ sentejn minn mindu ttermina b’ success l-istudji universitarji tieghu; salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;
Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-8 ta’ Mejju 1992 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-isem tal-konvenut, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija esawrita;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-18 ta' Gunju 1993, fejn giet michuda, bl-ispejjez, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet;

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tallum;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.  Fit-28 ta' Gunju 1993 l-konvenut ffirma ftehim[1] mal-Gvern ta' Malta taht il-*Worker Student Scheme* li permezz tieghu nghata l-opportunita' li jibda kors fl-Universita' ta' Malta, li jwassal ghal degree fil-B.A (Management), taht il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess ftehim.  Skond dan il-ftehim l-Gvern obbliga ruhu li, matul il-kors universitarju,  jhallas lill-konvenut flus mill-fondi pubblici u jaghtih *"such employment at such salary or wage as is commensurate with the progress made and the qualifications obtained during the relative course studies."*  Minn naha tieghu l-konvenut obbliga ruhu *"to serve the Government of Malta as a AO for a period of two years"* taht penali ta' Lm2,000 *"subject to a pro rata reduction for each completed month of service"*   Inoltre fil-klawsola numru 2 tal-General conditions annessi mal-istess ftehim u ffirmat wkoll mill-konvenut, hemm stipulat: *"On first entry into the course a Worker Student shall bind himself to work for the sponsoring organization, on successful completion of the course, for a period of not less than two years"* taht il-penali kif gia fuq indikat.

Illi konsegwentement il-konvenut beda il-kors fuq indikat mal-grupp ta' studenti li dahlu fi Frar 1983, u, stante li l-

[1] Fols.19 - 22

kors kellu durata ta' hames snin, kellu jispicca fi Frar tas-sena 1988. Irrizulta pero' li, fuq talba tal-istess konvenut, konsentita minn naha tal-awtoritajiet, dana ma qaghadx ghall-ezamijiet finali li saru fi Frar 1988, izda minhabba ragunijiet personali, qaghad ghall-ezamijiet finali f' Mejju tal-istess sena, cioe' tlett xhur wara. Sadanittant, f' Jannar tal-istess sena, cioe' 1988, il-konvenut kien diga' pprezenta t-tesi, u ghalhekk, f' Mejju 1988 kien ikkonkluda l-ezamijiet u t-tesi li kellu bzonn sabiex jiffinalizza l-kors. F' dan ir-rigward, xehed l-ezaminatur tieghu Dr.Saviour Gauci u qal: *"…f'Mejju kien spicca b' success l-istudji tieghu. Ma kien jonqos jissodisfa l-ebda obbligazzjoni ohra tal-kors wara li qaghad ghall-ezamijiet finali"*[2]

Illi ghalkemm l-konvenut in effetti ttermina l-istudji tieghu kollha f' Mejju 1988, ir-rizultat tieghu hareg ufficjalment f' April 1989 ma' tal-grupp li bdew fi Frar 1984, u dana minhabba l-estensjoni ta' tlett xhur mitluba minnu fi Frar 1988.

Illi wara li sar magharf minn naha tal-Gvern li l-konvenut kien temm b' success l-istudji tieghu, il-konvenut nghata l-appointment ta' *Administrative Officer* b' effett mil1-1 ta' Marzu 1989[3]. Huwa sussegwentement rrizenja, wara hmistax il-xahar minn din id-data u cioe' fil-31 ta' Mejju 1990. Irrizulta wkoll li matul dan il-perijodu huwa ma hadimx mad-dipartiment tal-Industrija, izda hadem mal-METCO, kumpanija parastatali.

Illi f' ittra mibghuta mill-Establishment Secretary id-Direttur tal-Industrija gie informat li l-Gvern kien iddecieda li, b' effett mill-1 ta' Jannar 1990, il-periodu li l-konvenut, *bhala former Worker Student,* kien hadem mal-METCO, ghandu jinghadd mal-perijodu obbligatorju ta' sentejn.[4] Fil-fatt skond ix-xhieda ta' Carmelo Galea, Assistant Head mad-Dipartiment tal-Industrija, fix-xhieda tieghu jghid hekk: *" …. Naqqasna dawn il-hmistax il-xahar li matulhom il-konvenut hadem bhala Administrative Officer ….. fil-verita' lanqas dawn il-hmistax-il xahar ma hadem, imma ahna*

[2] Fol.125
[3] Ittra 29 ta' Settembru 1989 – Fol.38
[4] Ittra 12 ta' Settembru 1990 – Fol.56

*accettajnihom bhala xhur mahduma mal-Gvern billi, hu il-konvenut kien qabad u dahal jahdem mal-METCO u l-MDC."*[5]

Illi minn naha tieghu, il-konvenut qed isostni li huwa kien ottempera ruhu mat-termini tal-ftehim, stante li kien hadem il-perijodu shih. It-tesi tal-konvenut hija bazata fuq l-argument li, gia la darba huwa spicca b' success l-ezamijiet kollha u t-tesi tieghu kienet approvata, sal-ahhar ta' Mejju 1988, allura il-perijodu ta' sentejn kellu jibda jiddekorri minn Gunju 1988 u mhux mill-1 ta' Mazru 1989 cioe' mid-data li fiha kien inghata l-hatra ta' Administrative Officer. *Multo magis*, meta l-Gvern kien accetta li z-zmien li kien ghamel jahdem mal-METCO kellu jinghad fil-perijodu ta' sentejn. Fi kliem iehor, il-konvenut qed isostni li parti miz-zmien li huwa ghamel jahdem ma' din il-kumpanija para statali - u cioe' minn Gunju 1988 sa' Mejju 1990, id-data li fiha rriezenja minn mal-kumpanija - ghandu jissodisfa it-terminu obbligatorju ta' sentejn xoghol stipulat fil-ftehim fuq indikat.

***Konsiderazzjonijet tal-Qorti***

Illi in tema legali ghandu jigi osservat li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u hi l-volonta' tal-kontraenti, kif espressa fil-konvenzjoni, li trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*.[6] Inoltre meta l-kliem tal-kuntratt ikun car u univoku ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni[7] Illi rigward il-klawsola penali, il-Qorti tosserva li dina hija intiza biex wiehed mill-kontraenti jassigura l-esekuzjoni tal-obbligazzjoni minnu assunta, u tirrapprezenta kumpens ghad-danni minhabba non adempjenza.[8]

Illi fil-kaz in disamina jidher car li l-vertenza timpernja fuq id-disa' xhur li jestendu mill-1 ta' Gunju 1988 sat-28 ta' Frar 1989. Il-konvenut qed jikkontendi li z-zmien huwa kien ghamel jahdem f' dan il-perijodu mal-METCO kellu jinghad mal-hmistax il-xahar sussegwenti biex b'hekk fil-31 ta' Mejju 1990 huwa jkun iffinalizza s-sentejn

[5] Fol.31
[6] Vide App.Civ. [1998] Vol.LXXXII.II.441
[7] Art.1102 Kap.16
[8] Vol.XLI.II.1108; Vol.XXVII.II.81

obbligatorji. Minn naha tieghu, l-attur qed isostni li gialadarba l-appointment ta' *Administrative Officer* nghatalu mill-1 ta' Marzu 1989, kien minn din id-data li kellu jibda jiddekorri il-perijodu ta' sentejn, u allura l-konvenut naqas milli jahdem f' din il-karika ghal disa xhur wara il-31 ta' Mejju 1990.

Illi l-Qorti tosserva li dak li donnu l-konvenut qed jinora huwa l-fatt li skond il-kuntratt, iffirmat minnu, huwa kien obbliga li jahdem sentejn mal-Gvern bhala *Administrative Officer*. Dawk kienu l-patti li l-konvenut accetta u obbliga ruhu li josserva, taht penali. Il-fatt li huwa kien hadem mal-METCO qabel dik id-data ma jezimihx minn mill-vinkolu guridiku. Fi kliem iehor, anke jekk jigi koncess li z-zmien bejn Mejju 1988 sa Frar 1989 kellu jigi kkunsidrat, xorta wahda dan iz-zmien ma jissodisfax it-termini tal-kuntratt, jekk ma jigix ppruvat li matul dak il-perijodu huwa kien qed iservi lill Gvern ta' Malta bhala "A.O", jew [almenu] ghamel xoghol ekwivalenti ghal xoghol li jsir f' dak il-livell.

Illi li l-konvenut sostna li huwa kien ilu mill-1 ta' Gunju tas-sena 1988 jahdem mal-METCO[9], izda il-provi dokumentarji esebiti minnu stess juru bic-car li huwa kien nghata il-karika ta' *Executive*, ufficjalment, fis-6 ta' Gunju 1989 u b' effett mill-1 ta' Lulju 1989. – erba xhur wara li kien nghata l-appointment mill-Gvern.[10]

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut sostna li qabel ma nghatatlu l-kariga mal-METCO huwa kien jghamel xoghol ta' Executive, u filwaqt li bejn 1 ta' Gunju 1988 sal-31 ta' Dicembru 1988 huwa kien jithallas paga ta' student, skond hu, mill-1 ta' Jannar 1989 sal-31 ta' Mejju 1990 huwa kien jithallas il-paga ta' Executive, li, kif spjega hu, hi naqra izjed minn dik ta' *Administrative Officer* mal-Gvern. Huwa rriserva li jesebixxi prospett tal-introitu tieghu f' dan il-perijodu.[11]

---

[9] Gia MDC. L-Export Promotion Division ta' l-MDC sussegwentment saret METCO f' Jannar 1989 [dep.konvenut fol.131]
[10] Fols.87 *et seq.*
[11] Fol.132

Illi in propositu l-Qorti tosserva li t-tesi tal-konvenut tinsab imdghajfa bis-segwenti konsiderazzjonijiet:

**1.** Illi l-**prova dokumentarja** esebita minnu timmilita kontra dak li qed isostni l-konvenut. Il-prova dokumentarja hi fis-sens li l-karika ta' *Executive* nghatat lill-konvenut fis-6 ta' Gunju 1989 b' effett mill-1 ta' Lulju 1989; u ghalhekk jibqa' skopert il-perijodu ta' disa' xhur bejn l-1 ta' Gunju 1988 u l-1 ta' Marzu 1989;

**2.** Illi din il-prova tpoggi oneru qawwi fuq il-konvenut biex jipprova dak qed jallega, u cioe' li minn Jannar 1989, u allura qabel l-appointment, huwa kien fil-fatt jithallas paga ta' *Executive*. Din il-prova ma gabhiex, u, minflok, ghazel li jistrih fuq l-allegazzjoni guramentata tieghu, nonostante li fix-xhieda tieghu huwa kien rriserva d-dritt li jippresenta prospett biex jghati aktar kredibilita' lill dak li kien qed jghid. Inoltre, il-Qorti tosserva li c-cirkostanzi kif svolgew kienu jirrikjedu li l-konvenut iressaq ufficjali mill-METCO sabiex jixhdu dwar **fix kien effettivament jikkonsisti x-xoghol tieghu** u x' kienet ir-remunerazzjoni tieghu; izda, nonostante li fil-lista tax-xhieda tieghu l-konvenut indika diversi persuni addetti ma' din il-kumpanija u mal-MDC, dana naqas li jressaq provi f' dan ir-rigward.

Il-Qorti tosserva ulterjorment fuq dan il-punt, li, ghalkemm huwa minnu li l-prova li konvenut ma osservax il-kuntratt ghandha tingieb mill-attur li qed jallegaha, pero' minn naha tieghu l-konvenut ghandu jressaq provi in sostenn ta' dak li kien <u>qed jallega hu</u>, u dan b' applikazzjoni tal-principju generali 'li minn jallega jrid jipprova dak li qed jallega'. Ghalhekk kien jinkombi fuq l-istess konvenut l-oneru li jipprova sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu li qabel l-appointment mal-METCO huwa kien fil-fatt gia jaghmel xoghol ta' *Executive.* U dan apparti mill-prova tal-allegazzjoni tieghu l-ohra li x-xoghol ta' *Executive* ma' din il-para statali huwa komparabbli max-xoghol ta' *Administrative Officer* mal-Gvern.

**3.** Illi inoltre, il-koncessjoni li nghatat mill-Gvern li jghoddlu l-perijodu li kien dam jahdem mal-kumpanija para statali, kienet b' effett mill-<u>1 ta' Jannar 1990</u>, u mhux minn Gunju

1988 . Ma dan kollu l-attur ikkonceda li lill-konvenut jghoddlu l-perijodu mill-1 ta' Marzu 1989 – biex b' hekk il-konvenut gie li naqas mill-ftehim tieghu b' disa xhur biss.[12]

In konkluzjoni l-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-konvenut naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu meta ghall-perijodu ta' disa xhur wara li kien inghata l-hatra ta' *Administrative Officer* naqas milli jkompli jservi lill-Gvern kif kien obbligat jaghmel bil-ftehim tat-28 ta' Gunju 1993. Kull xoghol iehor li huwa seta' ghamel imma li mhux f' din il-karika jew [almenu] xoghol ta' livell ekwivalenti, jezorbita mit-termini tal-ftehim. Ghaldaqstant hija dovuta minnu s-somma ta' Lm747.94,5 in linea ta' penali, kakolata pro rata fuq Lm2,000 ghall-perijodu ta' sentejn. Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u tikkundana lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' seba mija seba u erbghin lira maltin, erba u disghin centezmi u hames millezmi [Lm747.94,5]. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] Vide - Fol.56 u Fol.31